**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 9 ta' Ottubru, 2018**

**Rikors nru: 203/18 AGV**

A

vs

B

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti pprezentat fl-24 ta' April, 2018 li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

Illi l-kontendenti konjugi Deguara kkontrattaw iz-zwieg fid-29 ta' Settembru tas-sena 1991 u miz-zwieg twieldu zewgt itfal, ossija C li twieldet fit-22 ta' Jannar tas-sena 1993 u D li twieled fit-3 ta' Dicembru tas-sena 1995.

Illi l-imsemmija konjugi Deguara kienu sseparaw minn xulxin legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr. Joseph Debono fid-9 ta' Awwissu, 2014 (Dokument A). B'dan illi pero' kienu diga' *de facto* separate minn Lulju tas-sena 2013 hekk

kif iddikjarat fil-kuntratt citat tad-9 ta' Awwissu tas-sena 2014 kif muri fl-ewwel pagna tal-istess Dokument A fil-premessa (c).

Illi kif jirrizulta mill-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni, il-konjugi Deguara kienu fis-separazzjoni taghhom irregolaw, *inter alia,* l-obbligi u/jew drittijiet ta' bejniethom tal-hlas ta' manteniment minn xulxin, kif spjegat ahjar f'pagna 2 tal-istess Dokument A.

Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti.

Illi ghalhekk il-kundizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B tal-Kaptiolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, dina l-Onorabbli Qorti joghgobha u dana previa s-smiegh tal-partijiet kif kontemplat fl-Artikolu 66 C tal-istess Kap, sabiex tigi stabbilita l-ezistenza ta' dawk il-kundizzjonjiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B u tippronunzja d-divorzju bejn il-partijie kif mahsub fl-imsemmi Artikolu 66C.

Bl-ispejjes.

Rat ir-Risposta tal-intimata li eccepiet:-

Illi l-esponenti tikkonferma li l-kontendenti zzewwgu fid-29 ta' Settembru, 1991 u sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ippubblikat fl-atti tan-Nutar Dr. Joseph Debono tad-9 ta' Awwissu, 2014.

Illi l-esponenti tikkonferma li l-kontendenti ilhom separate ghal aktar minn erba' snin.

Illi m'hemmx kwistjonijiet pendent bejniethom dwar manteniment u m'hemmx tama ghar-rikonciljazzjoni.

Illi ghalhekk l-esponenti tissottometti li filwaqt li hija m'ghandhiex oggezzjoni li jigi ppronunzjat id-divorzju bejn il-kontendenti, l-ispejjes kollha ghal tali procedura ghandhom jigu ssoportati mir-rikorrenti.

Bl-ispejjes kontra r-rikorrenti.

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat;

Il-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-Ligi sabiex iz-zwieg ta' bejn il-partijiet jigi mahlul u dana peress illi pprovaw illi l-partijiet ilhom sseparatilegalmentghalaktarminnerba' snin, skondkuntratt ta' separazzjoni tad-9 ta' Awwissu, 2014, ippubblikat fl-atti tan-Nutar Dr. Joseph Debono. Illi r-rikorrenti pprovaw ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:-

1. Tilqa' t-talba tar-rikorrent u tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijietai termini tal-Artikolu 66A, wara li gew soddisfatti r-rekwiziti tal-Artikolu 66B tal-Kap.16tal-Ligijiet ta' Malta u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien ghaxart ijiem millum javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.
2. Tirriduci t-terminu ghall-appell ghall-gurnata.

L-ispejjes jibqghu bla taxxa.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**